**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2017 – Galletas Gullón vs EUIPO – O2 Holdings (Forma ta' pakkett ta' gallettini)**

**(Kawża T-418/16)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea tridimensjonali — Forma ta' pakkett ta' gallettini — Dikjarazzjoni ta' revoka — Estent tal-użu — Assenza ta' bidla fil-karattru distintiv")***

(2017/C 412/38)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Galletas Gullón, SA (Aguilar de Campoo, Spanja) (rappreżentant: I. Escudero Pérez, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* O2 Holdings Ltd (Slough, ir-Renju Unit) (rappreżentant: J. Rebling, solicitor)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta' Mejju 2016 (Każ R 1614/2015-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn O2 Holdings Ltd u Galletas Gullón.

### Dispożittiv

1) *Id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tad-19 ta' Mejju 2016 (Każ R 1614/2015-4), dwar proċedimenti ta' revoka bejn O2 Holdings Ltd u Galletas Gullón, hija annullata.*

2) *L-EUIPO u O2 Holdings Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 343, 19.9.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' Ottubru 2017 – Tetra Pharm (1997) vs EUIPO – Sebapharma (SeboCalm)**

**(Kawża T-441/16)** [1]

***("Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "SeboCalm" — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea "Sebotherm" — Raġuni assoluta għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001])***

(2017/C 412/39)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Tetra Pharm (1997) Ltd (Tel Aviv, l-Iżrael) (rappreżentant: A. Gorzkiewicz, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: H. O'Neill u D. Stoyanova-Valchanova, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Sebapharma GmbH & Co. KG (Boppard, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J. Wald u D. Koal, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-19 ta’ Mejju 2016 (Każ R 852/2015-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Sebapharma u Tetra Pharm (1997).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Tetra Pharm (1997) Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 364, 03.10.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Ottubru 2017 – Bernaldo de Quirós vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-649/16)** ([1])

***(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Bidla minn pożizzjoni ta’ kap ta’ diviżjoni għal pożizzjoni ta’ konsulent — Interess tas-servizz — Użu ħażin ta’ poter — Dritt għal smigħ u dmir ta’ premura — Prinċipju ta’ ekwivalenza tal-impjiegi”)***

(2017/C 412/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Belén Bernaldo de Quirós (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: T. Bontinck u A. Guillerme, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid, C. Berardis-Kayser u C. Ehrbar, aġenti)

**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta’ Novembru 2015 li temenda t-trasferiment tar-rikorrenti, sa mill-1 ta’ Diċembru 2015, mill-pożizzjoni ta’ kap tad-diviżjoni “Uffiċċju tal-istages” tad-direttorat “Żgħażagħ u sport” taħt id-direttorat-ġenerali (DG) “Edukazzjoni u kultura” għall-pożizzjoni ta’ konsulent fi ħdan id-direttorat “Modernizzar tat-tagħlim II: Politika u programm fil-qasam tat-tagħlim, l-innovazzjoni EIT u AMSC” fi ħdan dan l-istess DG.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Belén Bernaldo de Quirós hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 402, 31.10.2016.